MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1379/2004

**Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tal-portfolio tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Joseph Manicaro**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) u dan wara li gie premess is-segwenti:-
Fil-31 ta' Mejju 2003 fil-Fgura Robert Manicaro, waqt li kien qed
isuq il-vettura BAH 186 tal-konvenut Joseph Manicaro u assikurata mal-kumpanija atrici, kien involut f' kollizjoni mal-vettura CAS842 ta' Clayton Garzia u misjuqa minnu.

Bhala konsegwenza ta’ din il-habta giet kagunata hsara fil-vettura
CAS842 ta’ Clayton Garzia u l-kumpanija attrici, kif kellha kull dritt li taghmel, ghaddiet biex thallas din il-hsara.

Skond il-polza li l-konvenut kellu mal-kumpanija attrici, hu kellu jhallasha u jirrifondilha is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) – maghrufa bhala “excess”, sehmu mis-somma sburzata mill-kumpanija attrici, izda ghalkemm gie interpellat b’ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2004, huwa ma hallasx.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2004 u bl-imghax ta’ 8% mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra il-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2004.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2004, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------